# L-EŻAMI TA' NOFS IS-SENA
# IL-MALTI
## 2015-2016

| | | |
|---|---|---|
| **IT-TIENI SENA - Kompetenzi Ewlenin** | **IL-MALTI (Il-Qari u l-Kitba)** | **IL-ĦIN: Sagħtejn** |

**L-isem u l-kunjom: ____________________ Il-klassi: _______**

**Għall-għalliema:**

| L-Assessjar Kontinwu | It-Taħdit u s-Smigħ | Il-Qari | Il-Kitba | Il-Letteratura | Il-Proġett | Il-Fehim mis-Smigħ | It-Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 60 |
| | | | | | | | |

| L-Assessjar tal-Eżami tal-Kitba | Il-Fehim mill-qari | Il-Grammatika | Il-Kitba Funzjonali | Il-Kitba Libera | It-Total | It-Total aħħari |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | 10 | 10 | 5 | 15 | 40 | 100 |
| | | | | | | |

| | |
|---|---|
| **Taqsima A. Il-Fehim mill-Qari** | **(10 marki)** |

**Aqra l-istorja li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

## Teżor Misjub fil-Kampanja



Wara l-iskola, Tiziana kienet tħobb tmur passiġġata qasira weħidha qalb il-kampanja. Darba minnhom semgħet għajta li kienet ġejja minn għalqa fil-qrib. (*par. 1*)

Fil-bogħod lemħet kaxxa u ħasbet li l-ħoss kien ġej minn hemm. Meta waslet fil-qrib, l-għajta bdiet tismagħha iktar ċara. "Żgur li fil-kaxxa hemm xi annimal abbandunat" bdiet tgħid bejnha u bejn ruħha. Il-kurżità għelbitha u ttawlet ġewwa l-kaxxa. (*par. 2*)

Lemħet qattus bajdani, ftit griż bil-ħmieġ. Ma ħasbithiex darbtejn. Refgħetu bil-mod, għannqitu u ħaditu lura d-dar magħha. Min jaf x'se tgħid il-mamà ħasbet! Għall-ewwel bdiet tgħajjat iżda mbagħad fehmet kemm dal-qattus seta' jkun ta' kumpanija għal bintha. Kemm ferħet Tiziana dak il-ħin! (*par 3.)*

Dejjem kellha ħolma li xi darba jkollha kelb jew qattus u sa fl-aħħar ix-xewqa tagħha saret realtà! Tatu isem. Semmietu Charlie. Illum Charlie sar l-ikbar ħabib ta' Tiziana u huwa teżor għall-familja kollha. (*par 4.)*

**Wieġeb il-mistoqsijiet dwar is-silta.**

**Immarka l-kaxxa t-tajba għall-mistoqsijiet a sa d**

a. X'kienet tħobb tagħmel Tiziana wara l-iskola? *(par. 1)* (marka)

☐ tmur għand in-nanna ☐ tagħmel ix-xogħol tal-iskola ☐ tmur passiġata

b. X'semgħet it-tifla meta waslet qrib għalqa? *(par. 1)* (marka)

☐ ħorn ta' karozza ☐ għajta ☐ tifla tibki

ċ. Wara li semgħet dak il-ħoss, Tiziana: (*par. 2)* (marka)

☐ beżgħet u telqet tiġri ☐ bdiet tibki ☐ marret tara x'kien il-ħoss

d. X'rat Tiziana meta ttawlet fil-kaxxa? (*par. 3)* (marka)

☐ qattus ☐ kelb ☐ għasfur

**Kompli s-sentenza bi tweġiba tajba għall-mistoqsijiet e,f u ġ**

e. X'kulur kien il-qattus? (*par. 3)* (marka)



Il-kulur tal-qattus kien

_______________________________________

f. X'għamlet Tiziana bih? (*par. 3)* (marka)

Tiziana ħaditu magħha d-____________________.

ġ. Għal xiex il-mama' aċċettat li żżomm dak l-annimal abbandunat? *(par 3)*

Omm Tiziana aċċettat li żżomm l-annimal abbandunat ____________________

__________________________________________________________(marka)

**<u>Agħti t-tweġiba għall-mistoqsijiet g u għ</u>**

g. Xi jfisser Charlie għal Tiziana? (*par.4)* (marka)

______________________________________________________________

għ. Li kieku inti kont flok Tiziana, x'kont tagħmel ? (2 marki)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

| **Taqsima B. Il-Grammatika** | **(10 marki)** |
|---|---|

1. Minflok ***<u>Tiziana kienet tħobb timxi</u>*** nistgħu ngħidu ***<u>Hi</u>*** <u>kienet tħobb timxi</u>.

Uża dawn ➡ **Hi - Huma - Aħna** ...skont kif meħtieġ

| | |
|---|---|
| a. ***<u>Sħabi</u>*** marru jgħumu.  | __________________ marru jgħumu. |
| b. ***<u>Jien u oħti</u>*** nħobbu l-ħawħ.  | __________________ nħobbu l-ħawħ. |
| c. **<u>Kirsty</u>** tħobb iċ-ċikkulata.  | __________________ tħobb iċ-ċikkulata. |

(3 marki)

2. Ngħidu ***lapes wieħed*** imma ***ħafna lapsijiet***. Kompli dan li ġej: (2 marki)

mowbajl



ħafna ____________





sapuna

ħafna ____________



3. Nistgħu ngħidu ***Lejlet il-Milied*** minflok ***Il-Lejla tal-Milied***.

Issa agħżel it-tajba għal dawn: (2 marki)

a. Il-Bieb tal-Belt

☐ Bieb Belt ☐ Bieb il-Belt ☐ Il-Bieb Belti

b. Il-mara ta' Ġanni

☐ maret Ġanni ☐ mara ta' Ġanni ☐ mart Ġanni

4. **L-Għadd Imtenni** ta' **jum** huwa **jumejn.**

**L-Għadd Imtenni** ta' **sena** huwa sen______________. (marka)

5. Mill-kaxxa l-griża, sib aġġettiv għal dawn in-nomi. (2marki)

| | | |
|---|---|---|
|  xugaman <br> **<u>nadif</u>** |  tifla <br> ____________________ |  sufan <br> ____________________ |

komdi gustuża intelliġenti żgħir kkuluriti ġdid

## TAQSIMA Ċ. Il-Kitba Funzjonali (5 marki)

(i) Għin lil Billy isib it-teżor billi timmarkalu d-direzzjoni fl-istampa t'hawn taħt.





**(ii) Issa uża l-kliem tal-kaxxa biex tiċċekkja li lil Billy wassaltu sew.**

| |
|---|
| **'l isfel - sular - nieżel - qalbek - teżor - itla' - ikser - dritt - xellug** |

1. Malli tidħol mill-bieb ____________ 'l fuq.
2. Mal-ewwel dawra ______________ fuq il-lemin, dur 'il fuq u inżel _______________.
3. Ibqa' nieżel u meta tara l-ħajt imxi lejn ix-__________ u mbagħad dur fuq il-lemin. Tibqax nieżel!
4. Erġa' dur lejn ix-xellug u ibqa' miexi _________ sakemm issib ħajt.
5. Itla' t-taraġ, dur u inżel __________ wieħed biss.
6. Iġri sal-ħajt u ibqa' ___________ s'isfel.
7. Taqtax ___________! Kważi hemm.
8. Dur fuq il-lemin u erġa' inżel. It-__________ f'idek Billy. Prosit!



## D. Il-Komponiment (15-il marka)

Agħżel titlu **wieħed** minn dawn u ikteb **bejn 70 - 120 kelma** fuqu.

Tista' tuża l-għajnuniet mogħtija ma' kull titlu biex jgħinuk.

**1. Immaġinak li inti kont kelb abbandunat. Għid l-istorja tiegħek.**

| | | | |
|---|---|---|---|
|  |  |  |  |
| X'razza inti? Kemm għandek żmien? | Kif spiċċajt abbandunat? Fejn kont tgħix qabel? | Kif kont tqatta' l-ġurnata tiegħek? Kif kont tiekol u tixrob? | Kellek xi esperjenza kerha kemm kont ilek abbandunat u li forsi setgħet toqtlok? U issa? |

**JEW**

2. **Picnic fil-Kampanja. L-istampi u l-kliem huma ta' għajnuna**

| | | | |
|---|---|---|---|
|  |  |  |  |
| Kif kienet il-ġurnata? | Ma' min mort? Fejn mortu? | X'ħadtu magħkom? Kif qattajtuha l-ġurnata? | Ħadt gost? Għaliex? |

**In-numru tal-komponiment :**

**TMIEM IL-KARTA**